MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1394/2003

Fruit and Fish Importers Limited
vs
Ta’ Xbiex Lapins Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress li s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ sebat elef u sitt mija u erba’ u erbghin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,644.42c) rappresentanti din is-somma oggetti mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, kif jidher mill-istatement anness mac-citazzjoni u mahrug mill-istess socjeta` konvenuta (DOK FFI).
U peress li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167-170 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

U peress illi s-socjeta` konvenuta debitament interpellata baqghet inadempjenti.

Il-Qorti giet mitluba:

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef u sitt mija u erba' u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,644.42c).

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv u s-socjeta` konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

**PROVI:**
Illi llum xehed bil-gurament Victor Farrugia li hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici u li ikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni u li din ghad ghandha tiehu Lm7644.42. Zied li s-socjeta` konvenuta ma hallset xejn minn dak in-nhar tal-prezentata 'il hawn u li hu ma jaf b' ebda raguni ghaliex il-konvenuti jistghu jghidu li m' ghandhomx jaghtu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci.

Rat li fis-seduta tal-lum meta s-socjeta` konvenuta giet imsejha tliet darbiet, ma deher hadd ghaliha.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta`

attrici s-somma ta’ sebat elef u sitt mija u erba’ u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,644.42c), bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------